MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 25/2010/1

**Joseph Gatt, Carmel Gatt, Miriam Gatt, Paul Gatt, William Gatt, Alexandra mart Mark Caruana, Speranza Gatt f'isimha u bhala kuratrici ta' Philip Gatt**

**v.**

**Avukat Generali**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell principali maghmul mill-Avukat Generali, u appell incidentali maghmul mir-rikorrenti, minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fid-29 ta' Lulju 2013 li

permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li cahdet it-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-kawza numru 883/1990 fl-ismijiet **Ignatious Gatt v. Franco Facchetti et pro et noe et**, laqghet it-talbiet tal-istess rikorrenti u ddikjarat li sabet lezjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fir-rigward tal-kawzi newtrali 875/1982, 319/1970 u 994/1971 li sal-gurnata tas-sentenza kienu ghadhom pendenti, u konsegwentement ikkundannat lil intimat Avukat Generali sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ tnax-il elf Euro (€12,000) bhala danni mhux pekunjarji.

**Il-Mertu**

**2.** Dan il-kaz jirrigwarda l-erba’ kawzi indikati fis-sentenza appellata, li fir-rigward taghhom ir-rikorrenti qed jallegaw li gie vjolat dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni].

**3.** Fir-rikors tal-appell tieghu l-Avukat Generali talab li s-sentenza appellata tigi riformata minn din il-Qorti billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn gie deciz li ma kienx hemm lezjoni tal-imsemmi dritt fil-kawza numru 833/1990 fuq citata, thassar l-istess sentenza ghal bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**4.** Fir-risposta taghhom ir-rikorrenti, filwaqt li ressqu appell incidentali, talbu li din il-Qorti, ghar-ragunijiet hemm indikati, tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet michuda t-talba taghhom fir-rigward tal-kawza numru 833/1990, u tirriformaha dwar l-ammont ta’ danni morali deciza fl-istess sentenza.

**Is-Sentenza Appellata**

**5.** L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“Dritt.**

"Ir-rikorrenti jinvokaw l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni li jipprovdi:-

*""1.In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law…..".*

"Ic-cirkostanzi li huma rilevanti sabiex jigi determinat jekk persuna nghatatx smiegh xieraq huma:

"i. Kemm hi kumplessa l-kawza;

"ii. Il-mod kif ikkomportaw ruhhom il-partijiet fil-kors tas-smiegh tal-kawza;

"iii. Il-kondotta tal-awtoritajiet kompetenti;

"iv. In-natura tal-kwistjoni;

"Il-proceduri meritu ta' dan ir-rikors ilhom pendenti sa minn qabel Malta rrikonxxiet id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Qorti Ewropeja. F'dan ir-rigward fil-kawza **Foti and Others vs Italy** tal-10 ta' Dicembru 1982, il-qorti osservat:-

*""53. The decision to prosecute the applicants dates back to 9 October 1970 (proceedings I), September 1971 (proceedings II) and 21 March 1973 (proceedings III) for Mr. Foti, to September 1970 for Mr. Lentini and to 18 July 1970 for Mr. Cenerini and Mr. Gulli (see paragraphs 13, 16, 19, 22, 25 and 28 above). In the view of the Commission, these dates mark the opening of the criminal proceedings* ***but the periods to be considered begin only on 1 August 1973, when the recognition by Italy of the right of individual petition took effect; however, in assessing the reasonableness of the time that elapsed after 31 July 1973, account must be taken of the then state of proceedings*** *(see paragraph 103 of the report).*

*"The Court concurs with this line of reasoning (see notably, mutatis mutandis, the above-mentioned Ringeisen judgment, Series A no. 13, pp. 41-42, § 101). It notes in particular that the declaration made by Italy under Article 25 (art. 25) is, according to its own terms, valid only in relation to acts, decisions, facts or events occurring subsequently to 31 July 1973"* (enfazi ta' din il-qorti).

"Hekk ukoll fil-kawza **Arsov vs The Former Yugoslav Republic of Macedonia** (44208/02) deciza fid-19 ta' Ottubru 2006, il-qorti osservat:
*"The Court finds that the period which falls within its jurisdiction did not begin on 18 June 1991, but on 10 April 1997, after the Convention entered into force in respect of the former Yugoslav Republic of Macedonia (see Atanasovic and Others v. "the former Yugoslav Republic of Macedonia", no. 13886/02, § 26, 22 December 2005; Horvat v. Croatia, no. 51585/99, § 50, ECHR 2001-VIII).*

*"35. **In assessing the reasonableness of the time that elapsed after that date, account must be taken of the state of proceedings on 10 April 1997** (see Styranowski v. Poland, no. 28616/95, § 46, ECHR 1998-VIII; Foti and Others v. Italy, judgment of 10 December 1982, Series A no. 56, p. 18, § 53;). **In this connection the Court notes that at the time of the entry into force of the Convention in respect of the former Yugoslav Republic of Macedonia the proceedings had lasted five years, nine months and twenty-two days for three court levels**.*

*"36. The proceedings therefore lasted eleven years and ten days of which five years, two months and eighteen days fall to be examined by the Court for two levels of jurisdiction."* (enfazi ta' din il-qorti)."

"F'Malta d-dritt tal-petizzjoni dahal fl-1987.

**"<u>Fatti.</u>**

“L-ilment tar-rikorrenti jitratta dwar erbgha kawzi li huma parti ghalihom:-

“1. **<u>883/1990 Ignatius Gatt vs Franco Facchetti proprio et nomine</u>**.

“Kawza li bdiet fis-6 ta’ Awwissu 1990 fil-Qorti tal-Kummerc. Kienet titratta dwar ftehim tal-1 ta’ Awwissu 1980 li bih il-partijiet ftehemu li jibdew negozju ta’ manifattura ta’ zraben. L-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-ftehim gie tterminat tort tal-konvenuti u li l-makkinarju, materja prima u zraben huma proprjeta tieghu u ghalhekk iridhom lura. Fin-nuqqas talab ukoll li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-valur tal-makkinarju meta spicca l-ftehim, l-valur tal-materja prima u zraben li kienu jgiebu kieku nbieghu fis-suq, kif ukoll kumpens tali ntuza l-makkinarju wara li ma komplewx jaghmlu uzu mill-makkinarju biex jimmanifatturaw zraben ghall-attur, u danni li sofra nkluz telf ta’ imghax.

“Skond ir-rikors promotur fir-rigward ta’ din il-kawza jidher li l-ilment tar-rikorrenti hu li ***“.....l-proceduri damu pendenti ghaxar snin quddiem il-Qorti tal-Appell.”***[1].

“Permezz ta’ sentenza tad-9 ta’ April 1997 il-Prim’Awla iddikjarat *“....li ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza minhabba l-klawsola arbitrali msemmija fl-eccezzjoni, u konsegwentement, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi.”*[2]. Fid-29 ta’ April 1997 l-atturi appellaw. Hu veru li

[1] Fol. 2.

[2] Hu minnu li sa dak iz-zmien kienu diga’ ghaddew kwazi sebgha snin minn meta Ignatius Gatt ipprezenta c-citazzjoni, pero mill-atti jirrizulta li kien biss fit-8 ta’ Ottubru 1991 li l-konvenuti pprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet. Imbaghad kien hemm bzonn li ssir it-trasfuzjoni tal-gudizzju ghaliex fit-23 ta’ Jannar 1991 miet Ignatius Gatt. Procedura li saret wara li r-rikorrenti pprezentaw rikors fis-27 ta’ Novembru 1991. Fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 1992 l-atturi ma kienux resqu provi, u l-ewwel xhud instema’ fl-24 ta’ Frar 1993 u kompla jixhed fit-2 ta’ Gunju 1993. Il-process iltaqa’ ma intopp iehor meta fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 1993 il-qorti giet infurmata li kien miet Andrea Facchetti. Fil-11 ta’ Frar 1994 ir-rikorrenti pprezentaw rikors ghal legittimazzjoni tal-atti. Dan il-process gie komplut bin-notifika tal-kuraturi li saret fit-30 ta’ Novembru u 5 ta’ Dicembru 1994. Sussegwentement fis-seduta tat-3 ta’ Frar 1995 il-kawza giet differita ghall-provi tal-atturi ghat-30 ta’ Gunju 1995, f’liema seduta id-difensur ta’ Gatt iddikjara xi provi kien fadlilhom iressqu u l-kawza giet differita ghall-1 ta’ Marzu 1996. Imbaghad fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 1996 xehed id-difensur ta’ Gatt u ddikjaraw li m’ghandhomx iktar provi, u

s-sentenza nghatat iktar minn hames (5) snin wara li sar l-appell, pero ma jidhirx li r-rikorrenti jistghu jilmentaw minn dewmien ezagerat meta tqies li:-

“i. L-ewwel smiegh sar fil-25 ta’ Novembru 1998 u sa dakinhar kienet ghadha ma thallsitx il-kawtela minhabba li ma kienx hemm taxxa.

“ii. Fis-seduta tat-23 ta’ April 1999 il-qorti giet infurmata li kien miet Franco Facchetti. Sa dakinhar ir-Registratur tal-Qorti kien ghadu ma nghatax il-valur mill-partijiet sabiex fuqu jkunu jista’ jistabilixxi l-kawtela li kellha tithallas minn Gatt. Jirrizulta wkoll li fis-seduta tat-2 ta’ Frar 2000 id-difensur ta’ Gatt talab li jinghata ftit zmien biex jirregola ruhu qabel johorgu l-avvizi tas-smiegh. Opportunita’ ohra li nghatat fis-seduta tal-5 ta’ April 2000. Wara ma setatx issir trattazzjoni ghaliex fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2000 irrizulta li Gatt kienu ghadhom ma hadux passi biex issir il-legittimazzjoni tal-atti. Permezz ta’ rikors prezentat fit-13 ta’ Settembru 2001 Gatt talbu li ssir legittimazzjoni tal-atti.

“iii. Fis-seduta tas-17 ta’ April 2002 ma setatx issir it-trattazzjoni ghaliex irrizulta li wahda mill-kuraturi kienet il-prokuratur legali li ffirmat ir-rikors tal-appell. Ghalhekk il-qorti ordnat li dik il-kuratrici tinbidel. Fis-seduti tal-5 ta’ Gunju 2002 u 19 ta’ Gunju 2002 ma sarx progress ghaliex kien ghad iridu jigu notifikati l-kuraturi ghall-wirt ta’ Franco Facchetti u Franco Facchetti & Sons Footwear Limited. Fis-seduta ta’ wara, 7 ta’ Ottubru 2002, bi qbil mad-difensuri, is-smiegh tal-appell gie differit ghas-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2002 ghat-trattazzjoni finali. Smiegh li sar u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-21 ta’ Marzu 2003. Eventwalment is-sentenza nghatat fil-21 ta’ Ottubru 2003.

“Wara li nghatat is-sentenza fil-21 ta’ Ottubru 2003 u l-kawza ntbaghatet lura biex tinstema’ minn din il-qorti, is-

---

kellha ssir trattazzjoni fit-22 ta’ Mejju 1996. Trattazzjoni li fil-fatt saret fit-2 ta’ Ottubru 1996 u l-kawza giet differita ghal sentenza preliminari ghal 11 ta’ Dicembru 1996. Il-kawza regghet giet differita ghad-9 ta’ April 1997 meta nghatat is-sentenza li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

smiegh gie appuntat ghad-29 ta' Marzu 2004. Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2005 il-qorti nkarigat Assistant Gudizzjarju biex jinstemghu x-xhieda. Ghalkemm saru xejn inqas minn sbatax-il seduta[3], Gatt **qatt ma ressqu provi**. Jekk ma sarx progress hu tort taghhom u ta' hadd iktar. Mill-verbali hu car hafna kemm il-qorti kienet tolleranti, sakemm fis-seduta tal-1 ta' April 2009 ordnat il-kancellament tal-kawza. Fis-7 ta' April 2009 l-atturi pprezentaw rikors u talbu li l-kawza terga' tigi appuntata ghas-smiegh. Il-qorti laqghet it-talba u appuntata ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2009. Sal-lum tista' tghid li hu biss wiehed mill-kuraturi li jista' jitqies li hu notifikat. Hadd iktar mill-konvenuti mhu notifikat bl-avviz ta' smiegh ta' rijappuntament. Mill-atti jirrizulta li minn dak iz-zmien l-atturi ma ghamlu xejn sabiex il-konvenuti kollha jigu notifikati minkejja li kwazi ghaddew iktar minn erbgha snin. Bizzejjed jinghad li wiehed mill-kuraturi sar Imhallef u ma giex sostitwit. Sahansitra fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 id-difensur tal-attur talab li jinghata perjodu ta' erbgha xhur biex jaghmel verifiki. Fis-seduta ta' wara talab iktar zmien. F'dan ix-xenarju r-rikorrenti m'humiex gustifikati li jilmentaw dwar id-dewmien f'din il-kawza. Dewmien li fil-fehma tal-qorti hu imputabbli ghall-atteggjament tar-rikorrenti u hadd iktar.

"2. __**Ingazio Gatt vs Zakkarija Calleja (Citaz. numru 875/82)**__.

"Kawza prezentata fl-10 ta' Awwissu 1982. L-ilment tal-attur kien dwar garanzija bankarja li kellu jaghti biex jithassar mandat ta' impediment ta' partenza numru 748/1979. Hu ppremetta li sabiex jitnehha l-mandat kellu jaghti garanzija bankarja ta' Lm25,900. L-attur kien qieghed isostni li ma kienx hemm bzonn tal-garanzija ghaliex ma kienx behsiebu jsiefer u kellu beni f'Malta, u kull eventwali kreditu li jigi kanonizzat favur Calleja kien ser jithallas. Ghalhekk talab li:-

[3] 3/3/2005; 25/4/2005; 29/9/2005; 29/11/2005; 24/3/2006; 24/5/2006; 26/9/2006; 8/11/2006; 16/2/2007; 13/4/2007; 10/5/2007; 31/5/2007; 14/6/2007; 14/3/2007; 4/4/2008; 26/6/2008; 8/10/2008.

*““.... jigi dikjarat u decis illi l-attur joffri garanzija bizzejjed ghal hlas ta’ kull eventwali kreditu bil-presenza tieghu f’Malta u bis-sostanzi tieghu kollha, u li konsegwentement ma hemm l-ebda bzonn tal-istess garanzija bankarja, u 2 ghaliex il-konvenut ma ghandux jigi moghti terminu biex igib garanzija jew pleggerija tajba ghal hlas tal-penali, danni u imghaxijiet li jista jkun soggett ghalihom billi ottjena hazin l-istess mandat ta’ impediment tas-safar u 3. ghaliex l-imsemmi mandat (kwantu ghadu ma spiccax ghat-tenur tal-artikolu 873 tal-Kodici tal-Procedura) ma ghandux jigi dikjarat bhala ottenut ingustament.”*.

“B’emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-1995 ma kienx baqa’ possibbli li f’kazijiet simili jinhareg mandat ta’ impediment ta’ partenza.

“Fil-21 ta’ Settembru 1982 Ignatius Gattipprezenta rikors li permezz tieghu talab li l-kawza tinstema’ bl-urgenza ghaliex:-

*““ghamel garanzija bankarja u l-flus tieghu qieghdin kollha marbutin fil-bank, u stante illi ghandu bzonn il-flus likwidi f’idejh biex ikun jista jkompli jesercita in-negozju tieghu.”*.

“B’digriet moghti fit-22 ta’ Settembru 1982 il-qorti laqghet it-talba. Madankollu iktar minn ghoxrin (20) sena wara l-kawza ghadha pendenti.

“Mill-atti hu evidenti li din il-kawza miexja mal-kawzi **Ignazio Gatt nomine vs Zakkarija Calleja** (319/70) u **Zakkarija Calleja vs Ignazio Gatt** (994/71). Fis-seduta tal-20 ta’ Ottubru 1983 sar dan il-verbal:-

*““Il-Qorti tiddisponi mit-talba kontenuta fir-rikors ta’ l-20 ta’ April, 1982 tal-konvenut billi tissosponedi formalment il-prolazzjoni tas-sentenza billi diga’ hemm digriet ta’ konnessjoni ma’ kawza ohra imsemmija fl-istess rikors;*

*“Il-kawza tibqa’ differita ghat-3 ta’ Novembru, 1983 biex timxi mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi li wkoll qeghda differita ghall-istess data.”*.

“Verbal identiku ghal dak li hemm fiz-zewg kawzi ohra. Fir-realta’ r-rikors tal-20 ta’ April, 1982 li gie pprezentat fil-kawza 319/70, ma kienx jirreferi ghal din il-kawza. Inoltre mill-atti l-qorti ma sabitx digriet ta’ konnessjoni ta’ kawzi. F’sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Lulju 1998 gie deciz li l-verbal tal-20 ta’ Ottubru 1983 ma kienx digriet ta’ konnessjoni ta’ kawzi, izda sempliciment verbal tar-Registratur dwar dak li gara fis-seduta. Fl-atti hemm diversi verbali fejn jinghad li l-kawza qeghda tigi differita ghaliex konnessa ma’ kawza ohra. Fil-fehma tal-qorti l-partijiet, difensuri u l-qorti kollha kienu taht l-impressjoni zbaljata li kien hemm digriet ta’ konnessjoni ta’ kawzi[4].

“Jirrizulta li f’din il-kawza qatt ma tressqu provi. Fil-fehma ta’ din il-qorti l-ezitu ta’ din il-kawza ma jiddependix mill-ezitu tal-kawzi 319/1970 u 994/1971. Madankollu hadd mill-partijiet ma talab l-intervent tal-qorti biex il-kaz jinstema’ b’mod separat miz-zewg kawzi l-ohra, u dan minkejja d-digriet li l-kaz kellu jinstema’ b’urgenza.

“Illum il-kawza tinsab differita ghas-sentenza. Mill-atti m’huwiex car jekk il-garanzija bankarja kenitx baqghet tigi mgedda, ghalkemm ma jidhirx in kwantu jirrizulta li fl-2002 Calleja kien ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru.
“M’hemmx dubju li f’din il-kawza l-attur u wara l-werrieta tieghu addottaw atteggjament passiv. Filwaqt li kien hemm ukoll nuqqas min-naha tal-qorti li ghalkemm ordnat li l-kawza tinstema’ bl-urgenza ma zguratx li l-ordni titwettaq, min-naha l-ohra hu dmir tal-partijiet li jiehdu sehem attiv fil-proceduri gudizzjarji bl-ghajnuna tad-difensuri li jinkarigaw. Ladarba kien hemm digriet li l-kaz jinstema’ b’urgenza allura ma kien hemm xejn li qieghed iwaqqaf lill-attur milli jressaq il-provi tieghu u jinsisti mal-qorti li tghaddi ghas-sentenza wara li taghti lill-konvenut l-opportunita’ jressaq il-provi tieghu. Pero’ l-atturi baqghu spettaturi u ma ressqux provi. Mill-atti lanqas jirrizulta li l-atturi qatt ghamlu accenn ghad-digriet tat-22 ta’

[4] F’nota li pprezentaw l-atturi fl-24 ta’ Frar 2004 iddikjaraw: *“Li permezz taghha huma jiddikjaraw illi l-provi f’din il-kawza minn naha taz-zewg partijiet ilhom snin twal maghluqa u fil-fatt din il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza, pero’ s-sentenza ma nghatatx ghaliex il-konvenut Zakkarija Calleja kien talab u ottjena l-konnessjoni ta’ din il-kawza mal-kawza fl-ismijiet inversi li ghandha citazzjoni numru 994/1971 li tinsab pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti kif bhalissa presjeduta.”*.

Settembru 1982. Mill-atteggjament tal-attur u wara tal-werrieta tieghu, b'mod implicitu gew li accettaw din il-kawza timxi flimkien maz-zewg kawzi l-ohra.

"Jibqa' pero' l-fatt li din il-kawza wkoll ma gietx deciza fi zmien ragonevoli, u dan ma kienx biss tort tal-partijiet. Il-qorti ghandha d-dmir li tizgura li hadd mill-partijiet ma jabbuza mill-process gudizzjarju u li fejn m'hemmx ostakoli legittimi l-kawza tinstema' u tigi deciza fi zmien ragonevoli.

"3. **<u>Ignazio Gatt vs Zakkarija Calleja</u>** (319/70).

"Kawza prezentata **fit-13 ta' Mejju 1970** li titratta talba ghall-hlas ta' Lm12,169.16 prezz ta' gwiez u *concentrate*. Fost l-eccezzjonijiet li ta Calleja hemm li l-concentrate konsenjat mill-attur ma kienx fih il-prtein skond l-ispecifications u li dan wassal ghal danni li huma iktar minn Lm20,000. Ghalhekk skond il-konvenut ma kienx debitur tal-attur izda l-attur kien debitur tieghu.

"Waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 1972 il-qorti kienet giet nfurmata li giet prezentata l-kawza 994/71. Il-qorti ordnat li z-zewg kawzi jinstemghu flimkien.

"Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 1973 il-qorti ordnat li l-kawza tigi differita *sine die* tistenna l-ezitu tal-kawza 994/71, peress li l-ezitu taghha kien jiddependi mill-kawza l-ohra.

"Fl-4 ta' Frar 1976 Gatt ipprezenta rikors biex il-kawza tigi rijappuntata, liema talba giet milqugha u giet rijappuntata ghat-8 ta' Marzu 1976.

"Mill-verbali tas-seduti sussegwenti hu car li l-kawza ghamlet is-snin tigi differita ghal rapport. Mill-atti hu evidenti li l-provi kienu qeghdin jinstemghu fil-kawza 994/91 fejn il-qorti kienet inkarigat perit gudizzjarju. Imbaghad fil-verbal tal-15 ta' April 1982 jinghad li kienu deheru l-attur assistit mill-avukat filwaqt li l-konvenut u d-difensur tieghu ma deherux. Fil-verbal jinghad:

*““Dr Ugo Mifsud Bonnici issottometta li billi din il-kawza ilha pendenti hafna u li fit-23 ta’ Ottubru 1980 kienet giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu, talab li tithalla ghas-sentenza.”*.
“Il-qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ April 1982.

“Min-naha tieghu l-konvenut talab ir-revoka tad-digriet (rikors 20 ta’ April 1982). Fis-seduta tal-20 ta’ Ottubru 1983 il-qorti laqghet it-talba *“….billi diga’ hemm digriet ta’ konnessjoni ma’ kawza ohra imsemmija fl-istess rikors.”*.

“Il-kawza baqghet tigi differita minn seduta ghall-ohra minhabba li kienet konnessa mal-kawza 994/71. Fiz-zewg kawzi hemm diversi verbali li huma identici.

“4. **<u>Zakkarija Calleja vs Ignazio Gatt</u>** (994/71).

“Kawza prezentata **fis-16 ta’ Novembru 1971** li titratta talba ghall-hlas ta’ danni peress li l-attur allega li l-*concentrate* li gie konsenjat lejn l-ahhar ta’ 1969 u bidu 1970 ma kienx tal-kwalita’ ordnata mill-attur u ta’ dak indikat fuq l-ixkejjer, u lanqas ma kien konformi ma’ dak li jezigi l-Att IV tal-1965. L-attur allega li minhabba f’hekk mietulu kwantita’ ta’ flieles, tigiegi u majjali.

“Jirrizulta li fl-ewwel erbgha seduti (14/12/71; 3/2/1972; 14/2/1972; u 24/3/72) ma sar xejn. Imbaghad fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 1972 inhatar perit tekniku (Prof. Dr Anthony Jaccarini) biex jirrelata: *“…jekk it-talba attrici hijiex gustifikata u f’kaz affermattiv, wara li jiehu in konsiderazzjoni l-eccezzjoni tal-konvenut jillikwida u jistabilixxi d-danni pretizi mill-attur.”*. Fis-17 ta’ Novembru 1972 il-kawza giet differita *sine die* wara li l-qorti nnotat li l-perit gudizzjarju kien ghadu ma rtirax il-process. Wara rikors prezentat fit-22 ta’ Novembru 1972 minn Calleja, il-kawza giet rijappuntata ghad-19 ta’ Jannar 1973.

“Ir-rapport gie pprezentat fis-17 ta’ Novembru 1978 u konfermat bil-gurament fil-5 ta’ Frar 1981. Skond id-digriet tal-5 ta’ Mejju 1972 id-dritt kellu provizorjament jithallas minn Calleja, li fil-21 ta’ Marzu 1979 kien giet notifikat bl-

avviz ta’ hlas dovut lill-perit. Fis-seduti tas-16 ta’ Marzu 1981, 22 ta’ Mejju 1981 u 2 ta’ Ottubru 1981 ma sar xejn.

“B’nota prezentata fit-8 ta’ Ottubru 1981 l-attur talab il-hatra ta’ periti perizjuri. B’digriet moghti fit-3 ta’ Dicembru 1981, il-qorti laqghet it-talba u nnomina lil Carmel Serracino Inglott, Dr Lawrence Caruana u Dr Alfred Portelli. Fis-27 ta’ Ottubru 1982 il-qorti laqghet talba biex Dr Alfred Portelli jigi sostitwit b’Dr Maurice Zarb Adami.

“Il-kawza baqghet tigi differita ghar-rapport (28/1/1983;15/2/1983; 3/3/§1983; 24/3/1983 u 11/4/1983). Fis-seduta tas-17 ta’ Gunju 1983 il-qorti giet infurmata mid-difensur tal-attur li kienu ghadhom ma sarux seduti quddiem il-periti. Fic-cirkostanzi l-qorti nnominat perit legali biex jassistihom u ffissat zewg dati li fihom kellhom isiru seduti. Fis-seduta tal-20 ta’ Ottubru 1983 ma jinghad li sar xi progress izda li kien hemm wiehed mill-periti ma setax jaqdi l-inkarigu. Fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 1983 il-qorti hassret l-inkarigu ta’ Dr Maurice Zarb Adami u minfloku nnominat lil Anthony Serracino Inglott. Jidher li baqa’ ma giex registrat progress ghal numru ta’ xhur, sakemm b’digriet tal-25 ta’ Marzu 1985 il-qorti kkonfermat il-hatra tal-persuni fuq imsemmija bhala periti addizzjonali u ziedet lil Dr Richard Galea Debono bhala perit legali. Fil-11 ta’ Gunju 1985 il-periti addizzjonali pprezentaw ir-rapport.

“Sussegwentement fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 1987 saret l-eskussjoni tal-periti addizzjonali. Ghal dik is-seduta l-konvenut u d-difensur tieghu ma kienux prezenti. Fis-seduta tat-18 ta’ Frar 1987 saret talba biex il-qorti tahtar perit tekniku biex jillikwida d-danni. Fl-20 ta’ Frar 1987 deher id-difensur tal-attur u l-kawza giet differita ghat-23 ta’ Frar 1987 meta nhatru Peter Calascione u Dr Joseph Galea Debono bhala periti gudizzjarji. Minn hemm il-kawza baqghet tigi differita ghar-rapport (seduti 1/6/1987; 18/11/1987; 12/2/1988; 25/4/1988; 24/6/1988; 28/11/1988; 13/3/1989; 2/10/1989; 10/10/1989; 17/1/1990; 26/1/1990; 2/2/1990; 4/5/1990), u fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 1991 id-difensur tal-konvenut kien gharraf lill-Qorti li l-klijent tieghu kien miet. Jigi rilevat ukoll

li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 1990 kien deher il-konvenut u d-difensur tieghu u ddikjara:

*"''… skond il-verbal tat-2 ta' Frar 1990 il-perit legali kien irtira l-process seduta stante u inoltre li ghalkemm hu konvenut f'din il-kawza hu ghandu interess aktar mill-attur li din il-kawza tmur ghas-sentenza peress li fuq talba tal-kontroparti din il-qorti waqfet milli tghaddi ghas-sentenza fiz-zewg kawzi fl-ismijiet inversi….".*

"Il-kawza baqghet tigi differita ghar-rapport sakemm fis-seduta tad-9 ta' Novembru 1992 giet differita *sine die* ghaliex kienet ghadha ma saritx il-procedura ta' legittimazzjoni tal-atti. Fit-8 ta' Frar 1993 il-konvenut ipprezenta r-rikors ghal-legittimazzjoni tal-atti u b'nota prezentata fit-18 ta' Gunju 1993 mart il-konvenut u wliedu ddikajraw li jridu jkomplu l-kawza bhala konvenuti. Il-kawza regghet giet appuntata ghat-3 ta' Novembru 1993. Waqt is-seduta tal-10 ta' Novembru 1993 il-qorti osservat li l-perit gudizzjarju Calascione kien ghadu ma giex notifikat bin-nomina, u fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 1993 jinghad li kien ha l-process.

"Mill-atti jirrizulta li ghaddew snin twal u r-rapport kien ghadu ma sarx, sakemm fil-verbal tas-6 ta' Frar 2002 l-qorti ordnat li l-process jigi ritornat fir-registru peress li l-perit legali kien inhatar Imhallef. Mill-verbali tal-perit legali jirrizulta li kienu saru seduti fl-1/11/1990; 18/12/1990; 14/2/1994; 22/2/1994; 1/3/1994; 10/5/1994; 13/5/1994; 1/6/1994; 10/6/1994; 4/10/1994; 18/10/1994; 9/11/1994; 12/12/1994; 14/5/1996; u 13/3/1997; 23/4/1997; 5/6/1997; 24/3/1998; 2/6/1998; 17/6/1998; Hemm xi seduti fejn ma sar xejn. Kien waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju 1996 li d-difensur tal-attur iddikjara li ma kellux iktar provi x'iressaq.

"Imbaghad fit-13 ta' Frar 2002 il-qorti nnominat lis-sottofirmat bhala perit legali fi zmien li kien ghadu jipprattika bhala avukat. F'dan il-perjodu ma giex registrat progress. Fis-seduta tat-13 ta' April 2005 il-qorti rrevokat l-inkarigu u minflok innominat lill-avukat Dr Vincent Galea, li min-naha tieghu pprezenta r-rapport fil-31 ta' Ottubru 2011 wara li saru dawn is-seduti:-

"i. 24 ta' Mejju 2005 – id-difensur tal-konvenuti kien baghat igharraf lill-perit legali li kien indispost u talab li ma jsir xejn.

"ii. 15 ta' Gunju 2005 – xehed l-attur in kontro-ezami.

"iii. 27 ta' Gunju 2005 – difensur tal-konvenuti ma deherx. Ghalhekk il-kontro-ezami tal-attur ma setax jitkompla.

"iv. 1 ta' Dicembru 2005 – xehed l-attur in kontro-ezami.

"v. 10 ta' Jannar 2006 – id-difensur tal-konvenut ma deherx u ghalhekk ma giex registrat progress.

"vi. 27 ta' Jannar 2006 – xehed il-konvenut Carmel Gatt.

"vii. 7 ta' Marzu 2005 – ma sar xejn, izda ma jinghadx x'kienet ir-raguni.

"viii. 21 ta' Marzu 2006 – partijiet qablu li l-perit legali jhejji l-preliminari tar-rapport u ighaddieh lid-difensuri sabiex: *"[….] ikunu jistghu jirregolaw ruhhom dwar x'provi ikun fadlilhom iressqu sabiex jinghalq l-provi f'dawn it-tlett kawzi."*.

"ix. 24 ta' Gunju 2008 – Carmel Gatt ipprezenta numru ta' dokumenti.

"x. 10 ta' Lulju 2008 – ma sar xejn. Mill-verbal jirrizulta li l-konvenuti kienu qeghdin jitolbu ghal xi dokumenti minghand l-attur.

"xi. 15 ta' Lulju 2008 – il-konvenuti regghu ma ressqux provi. Fil-verbal jinghad li *"Il-Perit Legali ghamel nofs siegha jispjega l-kwistjoni ta' din il-kawza lill-*

*konvenuti, izda minkejja li huwa infurmahom li din kienet l-ahhar seduta huma baqghu ma ressqux provi.”*. Fl-ahhar tal-verbal jinghad li l-konvenut Carmel Gatt ma jaqbilx li l-perit legali jghaddi ghar-rapport peress li kien ghad hemm kwistjoni dwar jekk id-dokumenti li pprezenta Calleja kienux genwini.

“xii. 30 ta’ Gunju 2010 – din id-darba l-konvenuti Carmel Gatt u Speranza Gatt kienu assistiti minn avukat, u pprezentaw dokumenti. Id-difensur tal-konvenuti talab li jinghata l-opportunita’ li sal-ahhar ta’ Settembru 2010 jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet.

“xiii. 8 ta’ Lulju 2010 – tkompli kontro-ezami tal-attur.

“Fit-28 ta’ Mejju 2012 ir-rapport gie kkonfermat bil-gurament. Il-konvenut ghamlu wkoll zewg domandi in eskussjoni.

“M’hemmx dubju li dawn il-kawzi twalu zzejjed. Fid-data meta ghandha tinghata s-sentenza ser ikunu ghaddew iktar minn erbghin (40) sena minn meta gew prezentati dawn iz-zewg kawzi. M’hemmx dubju li xi haga kellu jsir biex ma jithallix dan iz-zmien kollu jghaddi.

“Hemm diversi ragunijiet li kkontribwew, fosthom:

“i. Il-htiega ta’ nomina ta’ esperti mehud in konsiderazzjoni n-natura teknika tal-vertenza.

“ii. Dewmien biex jibdew seduti quddiem periti gudizzjarji.

“iii. Xhur u snin fejn ma ngabrux provi quddiem diversi periti gudizzjarji.

“iv. Numru konsiderevoli ta’ seduti li saru ghall-gbir tal-provi relatati mal-likwidazzjoni tad-danni wara r-rapport li l-perit addizzjonali kienu pprezentaw fil-11 ta’

Gunju 1985, quddiem tnejn mill-periti legali. Seduti li suppost kienu limitati ghall-provi relatati mal-likwidazzjoni tad-danni.

"v. Dewmien fil-hlas tar-rapporti.

"vi. Matul is-snin nuqqas ta' partecipazzjoni tal-partijiet u d-difensuri taghhom f'diversi seduti li kienu jsiru quddiem il-qorti li matulhom suppost kien qieghed jigi rapportat il-progress li qieghed isir.

"vii. Bejn 15 ta' Lulju 2008 u 30 ta' Gunju 2010 ma sarux seduti ghall-gbir ta' provi tal-konvenuti. Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2008 quddiem il-perit legali il-konvenut li attenda kien oggezzjona li l-perit legali ighaddi ghar-rapport qabel jigi determinat jekk id-dokumenti kienux genwini. Jissemma wkoll li kien hemm xi indagni ghaddejja quddiem il-Kummissajoni ta' l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. F'dan l-istess perjodu nqalghet il-kwistjoni bejn il-konvenuti u d-difensur li kien jassistihom dak iz-zmien (ara rikors prezentat mill-avukat fil-25 ta' Lulju 2008).

"vii. Kemm ilhom pendenti quddiem il-qorti fiz-zewg kawzi ppresjedew fihom diversi mhallfin, f'numru li jidher li hu iktar minn tmienja (8).

"Fir-rikors promotur ir-rikorrenti allegaw ukoll li l-processi tal-kawzi kienu *"[….] sparixxew mill-Qorti u damu ghal zmien twil sakemm kien gabhom lura l-Avukat Dr Simon Busuttil. Il-proceduri waqfu u stallaw ghal zmien konsiderevoli."*. Mill-atti l-qorti ma setatx tistabbilixxi din l-allegazzjoni b'certezza. Pero' jekk din hi l-verita' x'kienet ir-raguni li r-rikorrenti qatt ma rraportaw tali fatt lill-qorti u talbu li jinghata l-provvediment opportun ? Domanda li baqghet minghajr twegiba.

"Certament li f'dan id-dewmien kollu hemm ukoll il-kontribut tal-partijiet u difensuri taghhom[5]. Hu minnu wkoll

[5] Hekk per ezempju fis-seduta tal-10 ta' Gunju 1994 quddiem perit legali, id-difensur tal-konvenuti talab li jkollu zmien sbabiex ikun jista' jistudja l-atti meta kien ilu li jassistihom sal mill-inqas mis-seduta tal-15 ta' Ottubru 1990. Kien hemm ukoll il-

li matul dawn is-snin kollha l-qorti kienet qeghda tistenna li jigu pprezentati r-rapporti. L-atti huma fihom infushom prova kemm kienu ftit l-okkazzjonijiet fejn xi hadd mill-partijiet ilmenta dwar id-dewmien[6]. Anzi hemm kwantita' kbira ta' seduti quddiem il-qorti fejn ma deher hadd. Hu fl-interess ta' kull parti li tiehu sehem attiv fil-kawzi u fejn hemm bzonn ghandhom jattiraw l-attenzjoni lill-qorti u jitolbu li jinghata provvediment[7]. M'hemmx dubju li dik il-parti li taddotta atteggjament passiv tkun hi stess qieghda b'mod indirett tikkontribwixxi ghad-dewmien fil-proceduri. Fil-fehma tal-qorti il-periti gudizzjarji ghandhom ukoll dmir li jaghtu taghrif lill-qorti dwar il-progress li jkun qieghed jigi registrat fil-kors tas-seduti quddiem il-perit gudizzjarju u fejn hemm bzonn jitolbu l-intervent tal-qorti. Sfortunatament f'kawzi fejn ikun hemm perizja, kemm-il darba l-qorti ma tigix adegwatament infurmata dwar x'ikun qieghed jigri fis-seduti. Idealment il-provi relatati mal-perizja ghandhom jinstemghu quddiem il-qorti. B'dan il-mod il-qorti tkun qeghda tiehu sehem attiv fil-process tal-gbir tal-provi u facilment ikun jista' jinzamm kontroll. Pero' meqjus li s-suggett ikun ta' natura teknika u meqjus ukoll il-volum ta' xoghol, il-prassi generali hi li s-seduti jsiru quddiem il-perit tekniku. Dan iwassal ghal certu diffikultajiet bhal dak li ghandu x'jaqsam ma':

"i. iffissar ta' seduti ghas-smiegh ta' provi, inkluz il-mod liberali li bih jigu kancellati seduti quddiem il-periti gudizzjarji minghajr ma jintalab il-permess tal-qorti;

"ii. numru ta' seduti li kull parti tutilizza biex tressaq il-provi;

---

kwistjoni li nqalghet bejn il-konvenuti u l-avukat taghhom (ara rikors prezentat fil-25/7/2008) mid-difensur fl-atti tal-kawza 994/71. Din wara zviluppat fi proceduri ta' ritassa (512/2009) li gew decizi fit-18 ta' Frar 2010. Sahansitra fis-seduta tat-22 ta' April 2010 deher id-difensur ta' Gatt u ddikjara li ghalkemm kien ghadu ma thallasx, kien qieghed jawtorizza li d-difensur il-gdid tal-konvenuti sabiex jassumi l-patrocinju.

[6] Hemm per ezempju rikorsi li saru minn Calleja fit-12 ta' Lulju 2002, 13 ta' Mejju 2008 u 3 ta' Mejju 2010.

[7] Sahansitra l-Artikolu 195(5) tal-Kap. 12 jipprovdi l-opportunita' lill-parti li minhabba li l-kawza tkun ilha pendenti, titlob lill-Prim'Imhallef sabiex jinbidel il-gudikant li quddiemu tkun qeghda tinstema' l-kawza. Rimedju li ma jirrizultax li r-rikorrenti rrikorrew ghalih.

"iii. numru ta' seduti fejn ma jsir xejn minghajr ebda riperkussjoni;

"Hu facli hafna ghal min m'huwiex midhla tal-qasam tal-gustizzja li jikkritika l-*modus operandi* pero' r-realta' tibqa' li gudikant ghandu volum kbir ta' kawzi pendenti quddiemu. Dan apparti xoghol iehor. Dan m'huwiex jissemma bhala xi skuza ghalfejn kawzi li min-natura taghhom m'humiex komplessi, kif kienu dawn il-kawzi, ghandhom idumu s-snin pendenti[8]. Madankollu bir-rizorsi attwali jidher li jekk mhux ser tinstab soluzzjoni kif il-gudikant ikollu inqas numru ta' kawzi pendenti quddiemu sabiex ikun jista' jiddedika iktar hin ghall-kawzi ta' din ix-xorta, ser nibqghu nassistu ghal dan it-tip ta' xenarju. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni ghar-Riforma Holistika tal-Gustizzja[9] fir-rapport taghha gustament osservat: *"Biex l-Ezekuttiv tabilhaqq jilhaq l-aspirazzjonijiet tieghu jrid jkun pront li jakkorda r-rizorsi, sija ekonomici, sija umani, anke ghaliex dawn, prezentement, huma karenti."* (pagna 46). Fuq l-istess linja ta' hsieb din il-Qorti[10] fil-kawza **Tabib Dr Tancred Busuttil vs Avukat Generali** deciza fit-2 ta' Lulju 2013 osservat:

*""Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-Artikolu 6 tal-Konvezjoni:*

*""… imposes on the* ***Contracting States the duty to organize their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision*** *Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para 18).".*"

---

[8] Fil-kaz **Dumonovski v The former Yugoslav Republic of Macedonia** (app. 12898/02) tat-8 ta' Dicembru 2005, il-Qorti osservat li: *"the workload in the national Courts cannot be considered as a factor that can excuse the protracted length of the proceedings."*.

[9] Pubblikat din is-sena.

[10] Imhallef M. Chetcuti.

“Ovvjament wiehed ma jistax ma jsemmix ukoll id-diversi mizuri li matul is-snin ittiehdu mill-Ezekuttiv u li hallew ukoll rizultati pozittivi. Pero’ hemm bzonn li jsir iktar sabiex ikun hemm rizultati ahjar.

“Madankollu fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa’ tal-qorti li ma tippermetti lill-hadd mill-partijiet, inkluz id-difensuri, li jabbuzaw mill-process gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragonevoli[11]. Il-qorti trid tintervejni fejn hemm bzonn minghajr il-htiega li toqghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni.

“Mill-atti rrizulta kif fis-seduti li saru ghall-gbir tal-provi:-

“i. Bejn l-24 ta’ Ottubru 1974 u 19 ta’ Dicembru 1977 instemghu l-provi quddiem il-perit gudizzjarju Prof. Anthony Jaccarini.

“ii. Fid-9 ta’ Mejju 1985 saru sottomissjonijiet quddiem periti addizzjonali.

“iii. Bejn it-22 ta’ Frar 1994 u 17 ta’ Gunju 1998 tressqu provi quddiem perit legali relatati mal-likwidazzjoni tad-danni.

“iv. Bejn l-24 ta’ Mejju 2005 u 8 ta’ Lulju 2010 tressqu provi quddiem l-ahhar perit legali dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

“Dan jaghti stampa cara tas-sitwazzjoni xejn felici ta’ kif imxew l-affarijiet f’din il-kawza, fejn kien hemm ukoll perjodi konsiderevoli ta’ inattivita’. Dan apparti li wara n-nomina tal-perit gudizzjarju Paul Calascione ghal finjiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni (digriet tat-23 ta’ Frar 1987), l-ironija hi li ma pprezenta l-ebda rapport minkejja li l-

---

[11] **Wohlmeyer Bau GmbH v Austria** (220077/02) deciza fit-8 ta’ Lulju 2004: *“The Court notes in this context that an expert’s work in the context of judicial proceedings is supervised by a judge who remains responsible for the preparation and speedy conduct of the proceedings (see, among other authorities, Peryt v. Poland, no. 42042/98, § 57, 2 December 2003).”*.

inkarigu tieghu kien sabiex jillikwida d-danni. Kien Calleja li talab li jinhatar perit gudizzjarju ghal dan il-ghan u biex jaghmel dan a bazi tal-percentwali stabbilit fir-rapport peritali (seduta tat-18 ta' Frar 1987). Il-konvenut Gatt ma offra l-ebda rezistenza ghal din it-talba.

"Fir-rapport tal-periti addizzjonali jinghad:

*""22) Il-periti innotaw li l-perit gudizzjarju iffissa din ir-relazzjoni fil-percentwali ta' 10% cioe, li in-nuqqas ta' proteini f'dak l-ghalf, gab mieghu il-mewt ta' 10% mill-annimali iktar minn dawk li kienu xorta wahda imutu. L-esponenti in vista tal-premessi li saru, ma jarawx li din il-figura tikkozza ma xi norma xjentifika, u huma tal-opinjoni li fil-fatt il-figura hija 'of the right order', u ragonevoli. Ghal dawn il-motivi ma jsibu ebda raguni li jiddisturbaw ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju fuq dan il-punt u jissottomettu il-konferma taghhom"*.

"L-ezercizzju li kellu jsir kien li fir-rigward tal-perjodu rilevanti jigi determinat in-numru ta' mwiet u zzid mieghu 10% u tistabbilixxi valur fi flus. Dak il-valur jirraprezenta t-telf li l-attur jallega li sofra. Ezercizzju li zgur li ma kellux jiehu dawk is-snin u seduti kollha biex jintemm.

"Ghalkemm l-intimat jipponta subghajh lejn ir-rikorrenti, fil-fehma tal-qorti ma jistghux jiehdu fuq spallejhom it-tort kollu ghalfejn dawn il-kawzi ilhom pendenti ghal iktar minn 40 sena. Il-qorti m'ghandix dubju li f'dan il-kaz is-sistema gudizzjarja naqset lill-partijiet. Dan irrispettivament favur min ser jinqatghu l-kawzi. S'issa ghadha ma nstabitx soluzzjoni kif dawn 'l hekk imsejha 'kawzi antiki', u bhalhom hemm ohrajn, ser jintemmu fl-iqsar zmien possibbli.

"Ghal dak li hu rimedju hafna drabi f'kazijiet ta' din ix-xorta l-parti leza tinghata kumpens li jista' jigi deskritt bhala *'token'*[12]. Pero' fir-realta' kif osserva d-difensur tar-

[12] F'dan il-kuntest hi nteressanti s-sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-kaz **Pizzati v Italy** (app. 62361/00) tal-10 ta' Novembru 2004 li: *"As regards an equitable assessment of the non-pecuniary damage sustained as a result of the length of proceedings, the Court considers that a sum varying between EUR 1,000 and 1,500 per year's duration of the*

rikorrenti, meta sar in-negozju s-somma reklamata fil-kawza 319/70 (Lm12,169) kienet somma konsiderevoli[13]. Hu fatt li m'hemmx garanzija li l-kawzi ser jintrebhu mir-rikorrenti, pero dan m'huwiex rilevanti ghal finijiet ta' process fejn wahda mill-partijiet qeghda tilmenta minn ksur ta' dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Jirrizulta li fl-2002 ir-rikorrenti taw garanzija bankarja ghas-somma ta' Lm12,000 wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 1651/2002[14], u li l-qorti tifhem li baqghet tiggedded sal-lum[15]. Ghalkemm ir-rikorrenti jsostnu li sofrew danni fin-negozju, prova ta' dan ma tressqitx. Fattur iehor li jrid jitqies hu l-frustrazzjoni li dan id-dewmien kollu bla dubju nissel u ghadu qieghed inissel fir-rikorrenti, kif ukoll li r-rikorrenti ilhom parti fil-kawzi mill-ahhar ta' Settembru 1992.

"Wara li l-qorti qieset il-fatturi kollha li ssemmew f'din is-sentenza, ser tillikwida s-somma ta' **tnax-il elf ewro (€12,000)**."

## <u>L-Appell Principali</u>

**6.** Dan huwa bbazat fuq zewg aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta, fir-rigward tal-kawzi bin-numri 875/82, 319/70 u 994/71, sabet ksur tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, u li ghad-dewmien kien jahti wkoll l-Avukat Generali; u [2] anke jekk *dato non concesso* kien hemm lezjoni, l-ewwel Qorti ma kellhiex takkorda danni mhux pekunjarji, imma dikjarazzjoni waheda kienet tkun sufficjenti.

*L-ewwel aggravju*

---

*proceedings (and not per year's delay) is a base figure for the relevant calculation".* Pero' din qatt ma saret finali peress li l-kaz mar quddiem il-Grand Chamber li tat sentenza fid-29 ta' Marzu 2006. Sentenza li ma ghamlitx riferenza ghall-konsiderazzjonijiet tas-sentenza tal-10 ta' Novembru 2004.

[13] Ara l-ahhar sentenza tan-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-10 ta' Novembru 2010.

[14] Ara kopja esebita a fol. 357 tal-atti tal-kawza 994/1971.

[15] Dan apparti l-garanzija li nghatat wara l-hrug ta' mandat ta' impediment ta' partenza li kienet l-oggett tal-kawza 875/1982.

**7.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tirribadixxi li bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, u l-apprezzament tal-provi maghmula minn dik il-Qorti, jekk jirrizulta li mill-fatti provati dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha, jew jekk ma kienx hemm zball manifest li seta' jwassal sabiex parti jew ohra ssofri ingustizzja.

**8.** Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament metikoluz u studjat tal-fatti relevanti ghall-vertenza in dizamina, u spjegat b'mod dettaljat il-motivazzjoni li wassluha ghall-konkluzjoni taghha, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta minnha.

**9.** Jigi osservat li f'dan l-aggravju l-Avukat Generali ma jispecifikax fejn jew f'liema parti tas-sentenza l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-konsiderazzjonijiet taghha, izda llimita ruhu billi rrefera ghall-affidavit tar-Registratur tal-Qorti, u ghall-konsiderazzjoni li mill-atti tal-kawza jirrizulta li r-rikorrenti damu hafna snin sabiex iressqu l-provi taghhom.

**10.** Huwa fisser hekk dan l-aggravju:

"Effettivament mill-affidavit tar-Registratur tal-Qorti gie elenkat b'mod dettaljat x'sar *da parte* tal-partijiet matul l-appuntamenti li taw il-qrati koncernati fil-kawzi inkwistjoni, u jidher car li r-rikorrenti appellati certament ma urewx l-interess ta' *bonus pater familias* fil-kawzi taghhom sabiex il-proceduri jigu effettivament konkjuzi u wisq anqas ma intraprendewx xi inizzjattiva tempestiva biex verament jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawzi taghhom. Fil-verbali tal-kawza jirrizulta li r-rikorrenti appellati stess damu ghexieren ta' snin sabiex iressqu l-provi taghhom."

**11.** Fl-ewwel lok, huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet guridici:

**12.** Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx

ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide **Frydlender v. France** *GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

**13.** Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra.

**14.** Inoltre l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz *[ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]* [Ara wkoll, Q.Kos. **Joseph Camilleri v. Avukat Generali** – 28 Settembru 2012; ara wkoll Q.Kos. **Geroge Xuereb v. Registratur tal-Qorti** – 8 Novembru 2004; Q.Kos. **Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru** 18 Awwissu 1998; Q.Kos. **John Bugeja v. Avukat Generali** - 8 Novembru 2003].

**15.** Fil-mertu jigi osservat li rigward il-kawza numru 875/82 jirrizulta li d-dewmien f'din il-kawza, li suppost kellha tinstema' bl-urgenza, kien dovut ghall-fatt li l-partijiet u allura anke l-Qorti kienu taht l-impressjoni zbaljata li kien hemm digriet ta' konnessjoni ta' kawzi, u ghalkemm kif irrimarkat l-ewwel Qorti din il-kawza ma kinitx tiddependi mill-ezitu tal-kawzi 319/1970 u 994/1971 *"hadd mill-partijiet ma talab l-intervent tal-Qorti biex il-kaz jinstema' b'mod separat miz-zewg kawzi l-ohra."*

**16.** Din il-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li f'din il-kawza l-attur u, wara jkun il-werrieta tieghu, addottaw atteggjament passiv, baqghu spettaturi u ma ressqux provi. Dan l-atteggjament jitfa' tort qawwi fuq in-naha attrici li ma wrietx l-interess mistenni sabiex din il-kawza promossa minnu timxi 'l

quddiem. Din il-konsiderazzjoni pero` ma tnaqqas xejn mid-dmir tal-Qorti li tassigura li hadd ma jabbuza mill-process gudizzjarju u li l-kawzi jigu konkjuzi fi zmien ragjonevoli, izda l-atteggjament li hadu l-atturi f'din il-kawza, u fil-kawzi l-ohra, bil-konsegwenzjali dewmien fil-konkluzjoni tal-proceduri, huwa fattur determinanti fil-komputazzjoni tal-kumpens.

**17.** L-istess japplika u b'izjed qawwa ghall-kawza l-ohra, numru 994/71 minn fejn jirrizulta dewmien esagerat sabiex jigu konkluzi l-perizji guridizzjarji. L-ewwel Qorti osservat li kien hemm *"xhur u snin fejn ma ngabrux provi quddiem il-periti gudizzjari [u kien hemm]… numru konsiderevoli ta' seduti li saru ghall-gbir tal-provi …. Matul is-snin kien hemm nuqqas ta' partecipazzjoni tal-partijiet u d-difensuri taghhom f'diversi seduti li kienu jsiru quddiem il-Qorti li matulhom suppost kien qieghed jigi rapportat il-progress li qed isir."*

**18.** Sfortunatament, kif rilevat mill-ewwel Qorti, is-sitwazzjoni ta' qrati mghobbijin b'volum kbir ta' kawzi, uhud minnhom 'antiki', hafna drabi jservi bhala ostakolu ghall-prosegwiment spedjenti tal-kawzi, b'mod li jekk il-Qorti koncernata ma tinghatax l-informazzjoni korretta mid-difensuri dwar l-istat li fih tkun waslet il-kawza dik il-Qorti tkun facilment indotta fl-izball li tahseb li fil-kawza li tkun qed tinstema' mill-perit gudizzjarju jkunu qed jinstemghu x-xhieda, mentri fil-fatt ir-realta` tkun mod iehor.

**19.** Huwa minnu li hu dmir tal-Qorti li tara li l-kawzi ma jdumux aktar min-necessarju, izda huwa daqstant l-obbligu tal-partijiet, inkluzi tal-periti gudizzjari, li jaghtu l-informazzjoni preciza lil Qorti dwar x'qed isir fis-seduti peritali, u jekk kienx qed jigi registrat progress. Dan japplika b'aktar qawwa fil-kazijiet *de quo* fejn jirrizulta li l-Imhallfin inbiddlu tmien darbiet,u ghalhekk kien akbar l-oneru tal-partijiet li jinformaw lill-Qorti, allura preseduta minn Imhallef gdid, dwar l-andament tal-kawza.

**20.** Hija flokha l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li "hu fl-interess ta' kull parti li tiehu sehem attiv fil-kawzi u fejn

hemm bzonn, ghandhom jattiraw l-attenzjoni lill-Qorti u jitolbu li jinghata provvediment. M'hemmx dubju li dik il-parti li taddotta atteggjament passiv tkun hi stess qeghda b'mod indirett tikkontribwixxi ghad-dewmien fil-proceduri".

**21.** Mill-banda l-ohra huwa d-dmir tal-iStat li jorganizza s-sistema gudizzjarja b'mod li tkun adegwata sabiex tissodisfa r-rekwiziti tal-artikolu konvenzjonali fuq citat. Huwa minnu li fil-kazijiet inkwistjoni jirrizulta car li l-attur u s-successuri tieghu kienu passivi wisq u ma tantx jidher li kellhom xi interess kbir li l-kawzi jinqatghu malajr, u dan minkejja li kawza minnhom kellha tinstema' bl-urgenza, izda mill-banda l-ohra jibqa' l-obbligu tal-iStat li jassigura d-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

**22.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju tal-appell principali u l-ewwel aggravju tal-appell incidentali*

**23.** Fl-aggravju tieghu l-Avukat Generali jghid li l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna danni morali stante li ma kinitx tezisti l-lezjoni pretiza mir-rikorrenti, izda *dato non concesso* li jinstab li kien hemm lezjoni, fic-cirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur kienet tkun sufficjenti, stante li r-rikorrenti kkontribwew b'mod sostanzjali ghad-dewmien fil-proceduri.

**24.** Min-naha taghhom ir-rikorrenti fl-aggravju taghhom jghidu:

"l-ammont deciz ghalkemm jidher sostanzjali huwa irrizorju meta komparat ma' dak li tat il-Qorti Ewropea fil-kaz Debono v Malta tas-7 ta' Frar 2006 proporzjonalment. F'dan il-kaz ghaddew 40 sena, u ghadu l-ewwel grad ta' gudizzju li ghad irid jigi deciz …. Ma kien hemm l-ebda raguni ghala din il-kawza kellha tistenna l-ezitu ta' kawza ohra istitwita mill-konvenut….

"Inoltre, hawn l-istess Qorti sabiex lezjoni fi tlett kwazi, u mhux f'kawza wahda bhal fil-kaz ta' Debono. Allura

lanqas inzamm il-proporzjon mas-sentenza ta’ Debono vs Malta.”

**25.** Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tosserva li fil-komputazzjoni tal-kumpens, is-segwenti fatturi huma relevanti:

1. L-atteggjament passiv tar-rikorrenti u anke tal-konvenut matul il-proceduri.

2. In-nuqqas da parti tal-istat li johloq sistema effikaci sabiex hadd ma jithalla jabbuza bil-process gudizzjarju anke permezz tan-non kuranza tieghu.

3. Iz-zmien li r-rikorrenti hallew jghaddi qabel ma stitwew il-proceduri odjerni ghall-otteniment ta’ rimedju ghal vjolazzjoni ravvizata.

**26.** Din il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-kawzi damu ghexieren ta’ zmien, circa gherbin (40) sena, ir-rikorrenti pprezentaw il-proceduri odjerni f’Marzu 2010. Dan id-dewmien da parti taghhom biex jirreklamaw ir-rimedji kostituzzjonali, apparti milli jkompli juri l-passivita` da parti tar-rikorrenti, jimmilita kontra taghhom fil-komputazzjoni tal-kumpens; il-Konvenzjoni ma tiffavorixxix lil min jorqod fuq id-drittijiet tieghu. F’dan il-kaz, ir-rikorrenti hadu naghsa twila hafna fejn jidhlu d-drittijiet konvenzjonali taghhom ghax hallew aktar minn erbghin (40) sena sabiex fl-ahhar jiehdu passi konkreti sabiex iressqu l-ilment kostituzzjonali taghhom.

**27.** Dwar il-paragun li r-rikorrenti ghamlu mal-kawza **Nicholas Debono v. Malta** deciza finalment mill-Qorti Ewropeja fis-7 ta’ Mejju 2006, din il-Qorti tosserva li dan il-paragun huwa fattwalment insostenibbli stante li f’dak il-kaz il-Qorti Ewropeja ma rravvizat ebda tort fuq l-applikant ghad-dewmien fil-proceduri tant li fil-paragrafu 37 osservat li *“it is not disputed by the Government that no delay could be imputed to the … … … Court, nothing suggests that the applicant contributed in any significant way to the length of the proceedings.”*

**28.** Dan jistona hafna mal-kaz odjern fejn giet ravvizata doza qawwija ta’ passivita` u non kuranza da parti tar-rikorrenti liema fattur ghandu relevanza qawwija fil-komputazzjoni tal-kumpens.

**29.** Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta’ tlett elef Euro (€3,000) bhal danni morali hu wiehed gust u ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz u konsegwentement se tirriduci l-ammont tal-kumpens pagabbli ghal dan l-ammont.

**30.** Ghalhekk dawn l-aggravji huma nfondati.

**<u>L-Appell Incidentali</u>**

**31.** Dan hu bbazat fuq zewg aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad it-talba taghhom fir-rigward tal-kawza numru 883/90; u [2] li kellu jinghata kumpens akbar minn tnax-il elf Euro (€12,000).

*L-ewwel aggravju*

**32.** Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti kellha ssib vjolazzjoni tal-imsemmi dritt anke fir-rigward tal-kawza fuq indikata, u dan ghar-raguni semplici hafna, u cioe` li “fuq punt preliminari kien sar appell li dam 8 snin!”

**33.** Din il-Qorti tosserva li r-rikorrenti ma specifikawx fejn skont huma jirrisjedi t-tort tal-intimat ghad-dewmien f’dan l-appell. Mill-banda l-ohra s-sentenza appellata, tispjega b’mod dettaljat ir-raguni ghad-dewmien u, cioe` l-passivita` jew ahjar non kuranza da parti tar-rikorrenti, sabiex l-appell ikun jista’ jigi deciz fi zmien qasir.

**34.** Fl-ewwel lok, jigi osservat li ghalkemm l-ewwel smigh kien gie appuntat ghal-25 ta’ Novembru 1998, dakinhar ma seta’ jsir xejn peress li r-Registratur tal-Qorti ma kienx ghadu inghata valur sabiex tkun tista’ tinhareg il-kawtela. Sadanittant miet il-konvenut Franco Facchetti u, minkejja li r-rikorrenti gew informati b’dan fis-seduta tat-23 ta’ April 1999, xorta wahda dawn damu sat-13 ta’

Settembru 2001 biex jipprezentaw ir-rikors ghal-legittimazzjoni tal-atti.

**35.** Inoltre, sas-seduta tad-19 ta’ Gunju 2002 kien ghad jonqos in-notifika bl-atti tal-kuraturi ghal wirt tal-imsemmi Franco Facchetti.

**36.** Is-sentenza nghatat fil-21 ta’ Ottubru 2003 wara li kienet thalliet ghal dan l-iskop fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2003, u ghalhekk inghatat fi zmien relattivament qasir.

**37.** Izda in-non kuranza da parti tar-rikorrenti fir-rigward ta’ din il-kawza kompliet timmanifesta ruhha wara li l-process kien gie rimess quddiem il-Prim’Awla sabiex titkompla l-kawza. Huma naqsu milli jressqu provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju, u dan minkejja li kienu mizmuma 17-il seduta ghal dan il-ghan. In-non kuranza da parti tar-rikorrenti, atturi f’din il-kawza, wassal sabiex eventwalment l-ewwel Qorti fl-1 ta’ April 2009 ordnat il-kancellament tal-kawza.

**38.** Kif rilevat b’mod dettaljat mill-ewwel Qorti, anke wara li l-kawza kienet regghet giet riappuntata kompliet tigi ravvizata l-passivita` tar-rikorrenti sabiex il-kawza istitwita minnhom timxi ’l quddiem.

**39.** Ghalhekk fic-cirkostanzi l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti u cioe` li d-dewmien f’din il-kawza kien imputabbli unikament ghall-atteggjament tar-rikorrenti, hija manifestament korretta.

**40.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat, u jirrazenta l-fieragh.

**41.** Dwar it-tieni aggravju din il-Qorti gia` rriteniet li l-ammont ta’ tnax-il elf Euro (€12,000) ghandu jigi ridott u ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell principali limitatament fis-sens li tirriduci l-ammont tal-kumpens

pagabbli ghal dak bi tlett elef Euro (€3,000) u tichad dak incidentali, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-appell principali ghandhom ikunu kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) a karigu tal-Avukat Generali u r-rimanenti terz ($^{1}/_{3}$) ikunu a karigu tar-rikorrenti, filwaqt li dawk tal-appell incidentali jkunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------